MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Numru. 573/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Joseph Mary Fabri**

Kumpilazzjoni Nru: 573/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Mary Fabri ta’ 27 sena, iben Alfred u Mary Edwina nee’ Agius Gilibert, imwieled il-Pieta’ nhari it-13 ta’ Novembru, 1981, u residenti gewwa Stella Maris, 57, Triq James Smith, Bugibba u detentur tal-identita’ numru 612481(M),

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

Bejn ix-xhur ta' Gunju, 2008 u Marzu, 2009, f'hinijiet differenti matul il-gurnata, minn gewwa Spiteri Court, Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, ikkometta serq ta' ghodod u materjal, liema serq huwa aggravat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejnj u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Francis Spiteri u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli bejn ix-xhur ta' Marzu, 2008 u Mejju, 2008, f'hinijiet differenti matul l-gurnata, minn gewwa binja li ghadha qed tigi zviluppata fi Triq it-Tamar, Qawra, ikkommetta serq ta' ghodda u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Allan Mifsud u Oulaiwi Khidir u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 23 ta' Settembru 2009 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat min-naha in-natura tar-reati odjerni u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tal-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(f), 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah hdax (11) il-xahar prigunerija li b'appikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f'perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------